Pittur Mattija Preti. Ara kemm huwa hekk. Fil-ħin li fil-kotba ta' l-Ordni jinsab imniżżel li Mattija Preti ġie midfun quddiem in-Navata tas-Sagristija, f'wieħed mill-Follji ta' Malta ta' l-1861, imsejjaħ, *L'Ordine*, insibu, li Mattija Preti qiegħed midfun f'dak il-qabar li fih jinsab midfun ukoll il-Prijur Fra Pietru Viani.

Dana Viani jinsab midfun fin-nofs tal-Knisja ta' San Ġwann, bejn il-Kappelli ta' l-Alemanja u ta' Kastilja: jiġifleri quddiem dawk il-kappelli li jiġu ma' ġenb is-Sagristija u l-Oratorju.

Mela, minn dan li għedna jidher sewwa, li għalkemm il-lapida ta' Mattija Preti tinsab imqiegħdha taħt in-Navata tas-Sagristija, Preti m'hux midfun hemm iżda l-lum jinsab midfun flimkien mal-Prijur Viani li semmejna.

**Ġużè Gatt.**

## TMIEM IL-JASAR

Għajjatt għajta maħnuqa bħal ta' barri
mitluf fil-biża', w-bla ħarist fir-resħa
tad-dalma kiesħa, għalaqt għajnejja għal kollox
u ntfajt fil-beraħ

Għajjatt u ntfajt: bħal kieku ridt intigħem
hedak il-ħobż li qatt ma doqt tjubitu;
għajjatt u ntfajt sa biex bil-mewt jo'l-ħajja
nista' nitrejjaq:

Jo' mmur ingħix kif f'hem jaħlaqni Alla:
nitpaxxa bl-art li tarmi ħdura w-fwieħa,
nitgħaxxaq bis-smewwiet mimlija ħlewwa
u ngħix f'sabarti,

inkella mmur 'il hemm imnejn qatt tasal
il-ħarsa, l-kelma, f'serħ jew fi tbatija,
induq il-hena jew nitbekka l-ħajja
li tkun intemmet.

**21-9-27** **S.**

# IL-GĦUL U DAGĦBUB

## (ĦRAFA QANGĦANIJA) (1)

Tlitt aħwa ltiema marru jduru mad-dinja, ifittxu x-xogħol, u darba waħda ġie fuqhom il-lejl kif kienu weħedhom fost ir-raba'. Mexjin imbeżżgħin raw dar imdawla fil-bgħid, u mxew 'il dik in-naħa biex, jekk jistgħu, igħaddu l-lejl fiha. Waslu wara mixja twila, ħabbtu l-bieb, fetħulhom, u sellmu lil sid id-dar, għarrfuh x'kien giebhom u huwa laqagħhom bil-qalb u sajriihom nagħġa. Imma l-iltima għarfu li dak ir-raġel kien għul (2), għalkemm ħadd minnhom ma tniffes. Wasal ħin l-ikel u qagħdu fuq il-mejda, it-tlitt iltiema, sid id-dar u martu, u bdew jieklu u jitħaddtu. Fost il-mistoqsijiet li għamlu 'l xulxin, l-iżgħar iltim—li kien twil u oħxon erbât ixbar, u għalhekk kienu semmewh Dagħbub (3), u li kien jilħaqlu aktar minn ħutu—saqsa lill-għul sa fejn kienet tasal l-art tiegħu; u dan wieġeb: "Taraw dik il-blata?" Wieġbuh: "Narawha". Qallhom: "Sa hinnekk nista' nasal, u ma nistâx noħroġ 'il hinn minnha, anqas immidd riġli fuqha! "Kif ħelsu, is-sid qal lill-mara "Mur ġewwa, ħejji sodda lil ħbiebna!" Imma dawn qalulu li xtiequ aktar jorqdu barra għax kienet il-għomma—għax kienu ntebħu li huwa ried iqum jiekolhom bil-lejl—għalhekk raqdu fil-beraħ.

Malli mteddew, it-tnejn il-kbar raqdu, imma ż-żgħir baqa' mistenbaħ. Il-għul kif semagħhom jonħru, qam qajl-qajl u resaq lejhom. Il-ltim iż-żgħir rah u beda jgħajjat u qajjem 'il ħutu; il-għul, biex jaħbi, qallhom li kien ġie biex jara humiex mikxufin ħa' jgħattihom; u raġa mar għal xogħlu u jistenna li ż-żgħir jorqod. Imma il-għul raqad l-ewwel, u Dagħbub, kif intebaħ li hu kien rieqed, qajjem lil ħutu u ħarbu siksnijiet. Fil-għodu x'ħin il-għul ra li kien tilef ikla, sewwed qalbu għal l-aħħar.

It-tlitt aħwa, wara li mxew qatigħ, waslu f'belt u marru għand is-sultan jitolbuh ix-xogħol. Is-sultan laqagħhom u ta lit-tnejn il-kbar jeħdulu ħsieb iż-żwiemel, u żamm ma' dwaru liż-żgħir. Għaddew sena, tnejn, tlieta u l-kbar, imdejqin mix-xogħol li kellhom u għajjurin għal ħuhom iż-żgħir għax kien miġjub, resqu quddiem is-sultan u qalulu: "Ja sidna, aħna nafu li darek hi wisq għanja; imma kienet tkun aħjar kieku kellek l-imnara (4) li għandu l-għul, li jgħix fil-barr." Wieġeb is-sultan: "Min jista' qatt iġibhieli?"